DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2013/8/UE

tas-26 ta' Frar 2013

li temenda, bl-iskop li jiġu adattati d-dispożizzjonijiet tekniċi tagħha, id-Direttiva 2009/144/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti komponenti u karatteristiċi tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/37/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jiġi rmunkat u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE [1], u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 19(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Anness IV tad-Direttiva 2009/144/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti ġenerali dwar l-iggančjar mekkaniku bejn it-trattur u l-vettura li tkun irmunkata u dwar it-tagħbija vertikali fil-punt tal-iggančjar.

(2) F'dawn l-aħħar snin, fl-Unjoni ntużaw tipi ġodda ta' mekkaniżmi tal-iggančjar u dawn fil-preżent huma approvati b'mod nazzjonali abbażi tal-istandards tal-ISO. Dawn huma mekkaniżmi tal-iggančjar clevis li ma jdurux (ISO 6489-5:2011), tipi ta' mekkaniżmi tal-iggančjar bil-boċċa (ISO 24347:2005) u mekkaniżmi tal-iggančjar forma ta' musmar (ISO 6489-4:2004).

(3) Biex titqies il-qagħda preżenti tas-suq, sabiex l-impatti possibbli fuq is-sikurezza u fuq l-ekonomija jkunu minimizzati u biex ikun possibbli li dawn it-tipi ta' ggančjar ikollhom approvazzjoni tat-tip tal-KE, jeħtieġ li t-tipi ta' ggančjar ikkonċernati u l-istandards rilevanti tal-ISO jiġu inklużi fid-Direttiva 2009/144/KE.

(4) Għalhekk, id-Direttiva 2009/144/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/37/KE.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2009/144/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2014, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1.
[2] ĠU L 27, 30.1.2010, p. 33.

ANNESS

L-Anness IV tad-Direttiva 2009/144/KE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt 1.1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"1.1. 'L-iggančjar mekkaniku bejn trattur u vettura rmunkata' tfisser il-komponenti stallati fuq it-trattur u l-vettura rmunkata li jipprovdu l-iggančjar mekkaniku bejn dawk il-vetturi.

Il-komponenti tal-iggančjar mekkaniku għat-tratturi biss huma koperti f'din id-Direttiva.

Fost id-diversi tipi ta' komponenti tal-iggančjar mekkaniku għat-tratturi, issir distinzjoni bejn:

— it-tip clevis (ara l-Figuri 1 u 2 tal-Appendiċi 1),

— mekkaniżmi tal-iggančjar clevis li ma jdurux (ara l-Figura 1d tal-Appendiċi 1),

— ganċ tal-irmonk (ara l-Figura 1 — 'Dimensjonijiet tal-Ganċ ta' rbit' f'ISO 6489-1:2001),

— stanga tal-irmunkar tat-trattur (ara l-Figura 3 tal-Appendiċi 1),

— mekkaniżmu bil-boċċa (ara l-Figura 4 tal-Appendiċi 1),

— mekkaniżmu forma ta' musmar (piton) (ara l-Figura 5 tal-Appendiċi 1)."

2. Il-punt 2.7 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2.7. Il-ħalq (jaw) għandu jippermetti li ċ-ċrieki tal-istanga tal-irmunkar iduru mal-fus mill-inqas 90° lejn il-lemin jew lejn ix-xelluq madwar l-assi lonġitudinali tal-iggančjar b'momentum ta' brejkar fiss ta' bejn 30 u 150 Nm.

Il-ganċ tal-irmunkar, l-iggančjar clevis, l-iggančjar bil-boċċa u l-iggančjar forma ta' musmar iridu jħallu lill-anella tal-istanga tal-irmunkar iddur mal-fus mill-inqas 20° lejn il-lemin jew lejn ix-xelluq madwar l-assi lonġitudinali tal-iggančjar."

3. Il-punt 3.1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"3.1. **Dimensjonijiet**

Id-dimensjonijiet tal-komponenti tal-iggančjar mekkaniku fuq it-trattur iridu jikkonformaw mal-Figuri 1 sa 5 u mat-Tabella 1 tal-Appendiċi 1."

4. Il-punt 3.3.1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"3.3.1. It-tagħbija statika vertikali massima hija stabbilita mill-manifattur. Iżda din ma għandhiex taqbeż it-3 000 kg, ħlief fil-każ tal-iggančjar bil-boċċa, fejn il-valur massimu ma għandux jaqbeż l-4 000 kg."

5. Fil-punt 3.4.1, ġiet miżjuda s-sentenza li jmiss:

"Il-massa m_t, m_{lt}, m_a u m_{la} huma rappreżentati f'kg."

6. Il-punt 4.2 qed jinbidel b'dan li ġej:

"4.2. Għal kull tip ta' ggančjar mekkaniku l-applikazzjoni jrid ikollha magħha d-dokumenti u d-dettalji li ġejjin:

— tpinġijiet fuq skala tal-mekkaniżmu tal-iggančjar (tliet kopji). Dawn it-tpinġijiet iridu juru b'mod partikolari d-dimensjonijiet meħtieġa fid-dettall kif ukoll il-kejl għall-immuntar tal-mekkaniżmu;

— deskrizzjoni teknika qasira tal-mekkaniżmu tal-iggančjar li tispeċifika t-tip ta' kostruzzjoni u l-materjal użat;

— dikjarazzjoni tal-valur ta' D kif imsemmi fl-Appendiċi 2 għat-test dinamiku jew il-valur ta' T (il-massa li tista' tiġi rmunkata f'tunnellati), ekwivalenti għal 1,5 darbiet il-massa massima teknikament permissibbli tat-trejler mgħobbi, kif imsemmi fl-Appendiċi 3 għat-test statiku, u anke t-tagħbija vertikali massima fuq il-punt tal-iggančjar S (rappreżentata f'kg);

— kampjun wieħed jew aktar ta' tagħmir kif meħtieġ mis-servizz tekniku."

7. Il-punti 5.1.3 u 5.1.4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5.1.3. fejn is-saħħa tiġi vverifikata skont l-Appendiċi 2 (it-test dinamiku):

il-valur permissibbli ta' D (kN),

il-valur tat-tagħbija vertikali statika ta' S (kg);

5.1.4. fejn is-saħħa tiġi vverifikata skont l-Appendiċi 3 (it-test statiku):

il-massa li tista' tiġi rmunkata T (tunnellati) u t-tagħbija vertikali fuq il-punt tal-iggančjar S (kg)."

8. Il-punt 6 qed jinbidel b'dan li ġej:

"6. ISTRUZZJONIJIET GĦALL-UŻU

L-iggančjar mekkaniku dejjem irid ikollu miegħu struzzjonijiet għall-użu tal-manifattur. Dawn l-istruzzjonijiet iridu jinkludu n-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-komponenti u anke l-valuri ta' D (kN) jew T (tunnellati) skont liema test ikun twettaq fuq l-iggančjar."

9. L-Appendiċi 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-Figura 1d u t-Tabella 1 li ġejjin jiddaħħlu wara l-Figura 1c:

"Figura 1d

Mekkaniżmu tal-iggančjar clevis li ma jdurx (jikkorrispondi għal ISO 6489-5:2011)




Tabella 1

Il-forom u d-dimensjonijiet tal-iggančjar clevis għat-trejlers jew għall-implementi

It-tagħbija vertikali S kg	**Il-valur D** D kN	**Il-forma**	**Id-Dimensjoni** mm		
			D ± 0,5	a min.	b min.
≤ 1 000	≤ 35	w	18	50	40
≤ 2 000	≤ 90	x	28	70	55
≤ 3 000	≤ 120	y	43	100	80
≤ 3 000	≤ 120	z	50	110	95"

(b) għandhom jiżdiedu l-Figuri 4 u 5 li ġejjin:

"Figura 4

Iggančjar bil-boċċa (jikkorrispondi għal ISO 24347:2005)








Figura 5


Iggančjar forma ta' musmar (jikkorrispondi għal ISO 6489-4:2004)











"

10. L-Appendiċi 2 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 2, il-ħames u s-sitt paragrafi jinbidlu b'dan li ġej:

"Il-komponenti tal-forza vertikali f'angoli ta' 90° mal-karreġġata huma espressi mit-tagħbija vertikali statika S (kg).

Il-massa M_T u M_R li huma teknikament permissibbli jingħataw f'tunnellati mill-manifattur."

(b) Il-punt 3.2 qed jinbidel b'dan li ġej:

"3.2. Il-forzi tal-ittestjar

Il-forza tal-ittestjar tikkonsisti f'termini ġeometriċi mill-komponenti tat-test orizzontali u vertikali kif ġej:

$$F = \sqrt{F_h^2 + F_v^2}$$

fejn:

F_h = ± 0,6 · D (kN) fil-każ ta' forza alternanti,

jew

F_h = 1,0 · D (kN) fil-każ tal-forza li dejjem togħla (trazzjoni jew pressjoni),

F_v = g · 1,5 · S/1 000 (valur rappreżentat f'kN)

S = it-tagħbija statika tal-istanga tal-irmunkar (tagħbija fil-karreġġata rappreżentata f'kg)."

11. Fl-Appendiċi 3, il-punt 1.5 qed jinbidel b'dan li ġej:


"1.5. It-test imsemmi fil-punt 1.4.2 irid jiġi preċedut minn test fejn tiġi applikata tagħbija inizjali daqs tliet darbiet it-tagħbija massima vertikali permissibbli (fi daN, ugwali għal g · S/10) rakkomandata mill-manifattur b'tali mod li tiżdied ftit ftit, tibda b'tagħbija inizjali ta' 500 daN, saċ-ċentru tar-referenza tal-mekkaniżmu tal-iggančjar.

Matul it-test, id-deformazzjoni tal-mekkaniżmu tal-iggančjar ma għandhiex taqbeż l-10 % tad-deformazzjoni massima elastika li sseħħ.

Il-verifika trid titwettaq wara li titneħħa (fi daN, ugwali għal g · S/10) l-forza vertikali u terġa' lura għat-tagħbija oriġinali ta' 500 daN."

12. Fl-Appendiċi 4, jiżdied l-eżempju li ġej:

"**Eżempju tal-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE**



a ≥ 30 mm

L-iggančjar li jkollu l-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-komponenti li tidher hawn fuq, huwa mekkaniżmu li għalih ingħatat l-approvazzjoni KE tat-tip tal-komponent fil-Ġermanja (e1) taħt in-numru 38-363 u li fuqu twettaq test statiku tas-saħħa (S)."

13. L-Appendiċi 5 hija emendata kif ġej:

(a) It-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**NOTIFIKA DWAR L-GĦOTI, IR-RIFJUT, L-IRTIRAR JEW L-ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TAL-KOMPONENTI FIR-RIGWARD TAS-SAĦĦA U D-DIMENSJONIJIET U T-TAGĦBIJA VERTIKALI FUQ IL-PUNT TAL-IGGANĊJAR TA' TIPI TA' MEKKANIŻMU TAL-IGGANĊJAR (IT-TIP CLEVIS, IT-TIP CLEVIS LI MA JDURX, GANĊ TAL-IRMUNKAR, STANGA TAL-IRMUNKAR TAT-TRATTURI, MEKKANIŻMI TAL-IGGANĊJAR BIL-BOĊĊA U DAWK FORMA TA' MUSMAR.)**"

(b) Il-punt 2 qed jinbidel b'dan li ġej:

"2. It-tip ta' mekkaniżmu tal-iggančjar (it-tip clevis, iggančjar clevis li ma jdurx, ganċ tal-irmunkar, stanga tal-irmunkar tat-tratturi, iggančjar bil-boċċa, iggančjar forma ta' musmar) ([2])"

(c) Il-punti 5.1, u 5.2 qedjinbidlu b'dan li ġej:

"5.1. *It-test dinamiku:*

il-valur D:

..... (kN)

It-tagħbija vertikali fuq il-punt tal-iggančjar (S):

..... (kg)

5.2. *It-test statiku:*

il-massa li tista' tiġi rmunkata T:

..... (tunnellati)

it-tagħbija vertikali fuq il-punt tal-iggančjar (S):

..... (kg)"

14. Fl-Appendiċi 7, il-punt 9 qed jinbidel b'dan li ġej:

"9. It-tagħbija vertikali statika permissibbli fuq il-punt tal-iggančjar:

..... (kg)"